## L-UŻU TAL-LISTA TAL-MEDIĊINI TA' MALTA

Il-Lista tal-Mediċini ta' Malta tgħin lill-professjonisti fil-kura medika, lill-konsumaturi u lill-pazjenti biex jiksbu tagħrif dwar il-mediċini awtorizzati li jistgħu jitqiegħdu fis-suq lokali.




**Iddiskuti l-għażla tal-mediċini tiegħek għall-istess ingredjent attiv (mediċina ta' referenza jew mediċina ġenerika) mat-tabib u/jew l-ispiżjar tiegħek.**

**Il-Lista tal-Mediċini ta' Malta tinsab f'www.maltamedicineslist.com**

### Il-Katina tal-Provvista



Pazjent



Spiżerija



Bejgħ bl-Ingrossa



Manifattura



Awtorizzazzjoni



Riċerka u Żvilupp

## IL-MEDIĊINI FFALSIFIKATI

Mediċina ffalsifikata hija mediċina li l-kontenut tagħha u/jew isimha u/jew is-sors tagħha jkunu ppreżentati apposta b'mod qarrieqi.

Il-mediċini ffalsifikati jista' jkun fihom ingredjenti tajbin jew ħżiena, ammont ħażin ta' ingredjent/i attiv/i, nuqqas ta' ingredjent/i attiv/i jew ippakkjar iffalsifikat. Il-falsifikazzjoni tista' tapplika kemm għall-mediċini ta' referenza kif ukoll għall-mediċini ġeneriċi.

F'xi każi, biex tinduna jekk mediċina tkunx iffalsifikata jew le, ikun hemm bżonn analiżi kimika fil-laboratorju. Il-mediċini ffalsifikati jistgħu jkunu perikolużi ħafna għax jippreżentaw riskji serji għas-saħħa tal-pazjenti.

L-Awtorità dwar il-Mediċini tirregola l-katina tal-provvista (il-manifatturi kollha tal-mediċini, l-importaturi, il-bejjiegħa bl-ingrossa u l-ispiżeriji ta' Malta u Għawdex) biex tassigura l-kwalità ta' din il-katina, u b'hekk tkun imħarsa s-saħħa tal-konsumaturi u tal-pazjenti.

It-tħassib dwar il-falsifikazzjoni tal-mediċini jikber meta l-mediċini jinbiegħu mill-internet, għax is-sors tagħhom jista' ma jkunx regolat u għalhekk jaf tkun diffiċli ħafna biex tasal għalih.


SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-KONSUMATUR, KOMPETIZZJONI ĠUSTA, KUNSILLI LOKALI U KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

*It-tagħrif mogħti f'dan il-fuljett hu għal skop ta' edukazzjoni u informazzjoni biss. L-Awtorità dwar il-Mediċini tixtieq tirringrazzja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għall-qari tal-provi ta' dan il-fuljett.*



L-Awtorità dwar il-Mediċini,
203, Sular 3, Triq D'Argens,
Il-Gżira GŻR 1368.
knowyourmedicines.info@gov.mt
Għajnuna (09:00 - 12.00) +356 2343 9111
www.knowyourmedicines.gov.mt
www.medicinesauthority.gov.mt
www.maltamedicineslist.com
www.facebook.com/medicinesmalta





# IL-MEDIĊINI

## L-GĦAŻLIET LI TISTA' TAFDAHOM

Verżjoni bl-Ingliż ta' dan il-fuljett tinsab f'www.knowyourmedicines.gov.mt

An English version of this leaflet can be accessed on www.knowyourmedicines.gov.mt

## IL-MEDIĊINI TA' REFERENZA U L-MEDIĊINI ĠENERIĊI



Meta kumpanija tal-farmaċewtika toħroġ b'mediċina ġdida, tingħatalha l-protezzjoni legali li, għal numru ta' snin, ma tħallix kumpaniji oħra jimmanifatturaw jew ibigħu l-istess mediċina. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw il-mediċini ta' referenza (tal-oriġinaturi) jinvestu l-flus fir-riċerka, l-istudji kliniċi u l-iżvilupp, u l-protezzjoni legali tingħatalhom sewwasew biex tinkoraġġihom ikomplu jinvestu f'dawn l-oqsma u b'hekk ikun hawn iktar mezzi ta' fejqan għall-benefiċċju tal-pazjenti. Meta l-protezzjoni legali tiskadi, kumpaniji oħra tal-farmaċewtika jkunu jistgħu jagħmlu verżjonijiet simili għall-mediċina ta' referenza, li jissejħu mediċini ġeneriċi.

Il-mediċina ġenerika hi mediċina magħmula biex tkun l-istess bħall-mediċina li tkun diġà ġiet awtorizzata (il-'mediċina ta' referenza').

Il-mediċina ġenerika fiha l-istess ingredjent/i attiv/i bħall-mediċina ta' referenza u tintuża fl-istess doża/i, għall-kura tal-istess kundizzjoni/jiet jew mard/a, tal-mediċina ta' referenza. Madankollu, isem il-mediċina, id-dehra tagħha (bħall-kulur u l-għamla) u l-pakkett/kaxxa tagħha jistgħu jkunu differenti minn dawk tal-mediċina ta' referenza.

**Il-mediċini kollha – kemm ta' referenza u kemm ġeneriċi – iridu jkunu jaqblu mal-istandards stabbiliti għall-kwalità, is-sigurtà u l-effikaċja u ma jistgħux jidħlu fis-suq Malti qabel ma tingħatalhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa.**

## IL-MEDIĊINI TA' REFERENZA U L-MEDIĊINI ĠENERIĊI

| | | |
|---|---|---|
| **L-ingredjent/i attiv/i:** Ingredjent f'mediċina li jkollu effett fuq kundizzjoni jew marda partikolari. Eż. il-*paracetamol*. | Essenzjalment l-istess | F'xi każijiet jista' jkun hemm differenzi żgħar bejn il-mediċini ta' referenza u l-mediċini ġeneriċi, iżda dawn jitqiesu li jkollhom l-istess ingredjent attiv, sakemm ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq il-proprjetajiet tal-mediċina f'dawk li huma s-sigurtà u/jew l-effikaċja tagħha. |
| **L-għamla farmaċewtika:** L-għamla li fiha hu ppreżentat l-ingredjent attiv. Eż. pillola jew mistura. | L-istess | Il-mediċini ta' referenza u l-mediċini ġeneriċi jistgħu jkunu ta' għamla, daqs jew kulur differenti u jistgħu jkunu ppakkjati b'modi u f'qisien differenti. |
| **L-ingredjenti inattivi:** L-ingredjenti l-oħra fil-mediċina, minbarra l-ingredjent attiv. Eż. it-togħma, il-kulur, il-lamtu u z-zokkor. | Jistgħu jkunu differenti | L-ingredjenti inattivi (l-eċċipjenti) normalment lill-pazjent ma jaffettwawhx. Iżda l-pazjent jista' jkun allerġiku għal xi sustanzi inattivi kemm fil-mediċini ta' referenza kif ukoll fil-mediċini ġeneriċi. Dawn is-sustanzi jitniżżlu fil-fuljett ta' tagħrif li jkun hemm fil-kaxxa jew mal-mediċina stess. |
| **L-istandards:** għall-manifattura, l-awtorizzazzjoni u t-tqassim tal-mediċini | L-istess | L-awtoritajiet regolatorji jevalwaw kemm il-mediċini ta' referenza kif ukoll ġeneriċi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE. L-istess standards japplikaw għat-tnejn. |
| **L-isem tal-mediċina** L-isem mogħti lill-mediċina mill-kumpanija | Differenti | Il-mediċini ta' referenza u l-mediċini ġeneriċi jkollhom ismijiet differenti. L-isem jista' jkun uniku (proprjetarju) jew ibbażat fuq l-ingredjent attiv u isem il-kumpanija (mhux proprjetarju). |

## KIF TISTA' TIPPARTEĊIPA FL-GĦAŻLA TAL-MEDIĊINI TIEGĦEK



B'mod ġenerali, kemm il-mediċini ta' referenza u kemm il-mediċini ġeneriċi jistgħu jintużaw biex jinkiseb l-istess effett jew benefiċċju. Id-differenzi bejn il-mediċini ta' referenza u dawk ġeneriċi ma jkollhomx impatt fuq l-effett tal-mediċina.

Tista' tiddiskuti l-għażla bejn il-mediċini ta' referenza u l-mediċini ġeneriċi mat-tabib u/jew l-ispiżjar. Jekk fuq ir-riċetta t-tabib ma jindikax mediċina ta' ditta partikolari billi jikteb 'tad-ditta' jew ®, l-ispiżjar jista' jagħtik kemm il-prodott mediċinali ordnat u kemm prodott mediċinali ekwivalenti bl-istess ingredjent/i attiv/i, doża, għamla farmaċewtika u frekwenza tad-dożaġġ li jkollu l-prodott mediċinali indikat fuq ir-riċetta.

Tista' tieħu sehem fl-għażla tal-mediċini tiegħek billi tikkunsidra t-tagħrif dwar mediċini alternattivi, fosthom id-daqs tal-kaxxa, il-prezz u l-mediċini li jkollhom l-ispiżeriji.

**Hawn tista' ssib tagħrif fuq diversi mediċini:**
**www.knowyourmedicines.gov.mt**
**www.maltamedicineslist.com**